FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR 23 TA' FRAR 2001

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN MICALLEF
VS
MARGARET CARUANA
CLINT CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Margaret Caruana ta' 45 sena, bint Anthony Sultana u Maria nee Muscat, imwielda Msida fl-15 ta' Marzu 1955 u residenti Block 3, Flat 9, Triq id-Deheb Fin. Qormi, detentrici tal-karta tal-identita 246955M u Clint Caruana ta' 20 sna bin Paul u Margaret nee Sultana, imwieled Pieta fit-12 t'April 1980 u residenti Block 3, Flat 9, Triq id-Degeb Fin, Qormi detentur tal-karta tal-identita' numru 200380M talli fit-13 t'Ottubru 2000 ghal habta tad-9.15pm fiz-Zejtun, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi il-hamsin liri maltin izda anqas minn hames mitt liri altin ghad-dannu ta' Mary Claire Camilleri.

Talli fl-istess data, hin, u lok, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Mary Claire Camilleri f'periklu car, ikkagunawlha feriti ta' natura hafifa fuq l-istess Mary Claire Camilleri skond kif iccertifika Dr L Cassar White ta' l-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin u lok, bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta' Mary Claire Camilleri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-verbal tat-23 ta' Frar 2001 fejn il-kwerelanti Marie Claire Camilleri irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tat-tieni akkuza.

Rat illi l-imputati ammettew ghall-ewwel akkuza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Fuq l-ammissjoni taghhom stess il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-ewwel akkuza. Rat Art 325 u 383 tal-kap 9 u tqieghed lill-imputati that garanzija ta' Lm100 ghal sena b'obbligazzjoni illi ma jimmolestawx lill-istess Marie Claire Camilleri u din il-garanzija qed tinghata skond il-ligi in lieu of punishment.

Tiddikjara li il-proceduri fil-konfront tat-tieni akkuza huma esawriti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.